

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Notartel SpA — Società informatica del Notariato
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali R.U.N. għal servizzi fil-klassijiet 35, 38 u 42 — Applikazzjoni Nru 1069863
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	SAT.1 SatellitenFersehen GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark Komunitarja u nazzjonali verbali ran għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 38, 41 u 42
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell milqugħ parzjalment fir-rigward ta' ċerti servizzi fil-klassijiet 38 u 42

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Notartel SpA — Società informatica del Notariato hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2009 —
Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht
vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-396/09 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Obbligu tal-Istati Membri li jipproteġu u jtejbu l-kwalità tal-arja — Deroga mogħtija lil Stat Membru — Rifjut ta' eżami mill-ġdid mill-

Kummissjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-għoti — Interess tar-rikorrent li jikseb is-sospensjoni — Deċiżjoni amministrattiva negattiva — Sospensjoni li ma tistax tbiddel is-sitwazzjoni tar-rikorrent — Esklużjoni (Artikolu 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 34, 35)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Rabta tal-miżura mitluba mat-talbiet fil-kawża prinċipali — Natura provviżorja u mhux definittiva (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 36-39)*
3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Miżuri provviżorji — Miżuri inkompatibbli mat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-istituzzjonijiet — Talba intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tapplika b'mod partikolari sentenza eventwali ta' annullament deċiża fir-rigward tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà (Artikoli 266 TFUE u 279 TFUE) (ara l-punti 41, 42)*

Suġġett

Talba, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni C (2009) 6121, tat-28 ta' Lulju 2009, li tiddikkjara inammissibbli t-talba tar-rikorrenti intiża għal eżami mill-ġdid mill-Kummissjoni tad-Deċiżjoni tagħha C (2009) 2560 finali, tas-7 ta' April 2009, li tagħti lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi deroga temporanja mill-obbligi tiegħu fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja u, min-naħa l-oħra, għal miżuri provviżorji li jġiegħlu lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi josserva l-obbligi tiegħu mill-iktar fis.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.